MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 554/2008

**Advertasia Services Ltd (C-34775)**

**vs**

**Anton Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta' Lulju 2008, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf tmien mija u disghin Euro u erbatax-il centezmu (€1890.14) rapprezentanti prezz ta' avvizi li dehru fuq erba` pagni fil-magazine "The Voucher" ta' Novembru u Dicembru 2007 u Jannar 2008, bl-ispejjez u bl-imghax.

Ra r-Risposta tal-konvenut pprezentata fit-13 ta' Ottubru 2008 li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet tas-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda.

Sema` x-xhieda ta' **Doreen Azzopardi** in rapprezentanza tas-socjeta` attrici li waqt is-seduta tas-17 ta' Frar 2009 xehdet illi f'Novembru tal-2007 il-konvenut kellu booking ta' pagna shiha fil-magazine "The Voucher" ghall-prezz ta' Lm389.40). Skond il-booking order il-konvenut kellu jhallas nofs l-ammont mal-booking u n-nofs l-iehor ghall-ahhar ta' Novembru. Tghid li huwa hallas Lm199.42 f'daqqa. Tghid li t-tieni booking form saret fl-14 ta' Novembru 2004 u ma thallasx xejn. Fis-26 ta' Dicembru 2007 intlahaq ftehim ghal pagna ohra f'Jannar ghall-prezz ta' €1030.75 u l-hlas tar-riklam kellu jsir fuq parti tax-xoghol biss peress illi kienu jtellghu lotterija li r-rebbiegh taghha kellu jaghzel rigal minghandu fl-ammont ta' €1080. Fuq l-ewwel zewg booking forms kien hem mil-hlas shih ta' Lm199. Tghid illi r-rebbieha kien baghtha 'l barra u kien nfumaha li ma riedx itiha r-rebh. Hija kienet qaltilha taghzel rigal minn band'ohra u kienet infurmatu li kienet se tehodhom prodotti ghaliha u kienet ghamlet xirja ta' €112.19 minghajr oggezzjoni da parti tal-mara tal-konvenut. Meta marret it-tieni darba il-konvenut ma hallijiex ghaddejja bis-sistema li taghmel ix-xirja ghaliha. Ghalhekk il-kawza hija l-bilanc fuq l-ewwel zewg booking forms kif ukoll il-bilanc fuq it-tielet booking form wara li qatghet l-ammont li kienet xtrat minghandu.

Ra n-nota tad-difensur tal-konvenut tas-6 ta' Ottubru 2009.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2009, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf tmien mija u disghin Euro u erbatax-il centezmu (€1890.14), bl-imghax kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha, li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------